MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 961/2001/1

**Sunsites Ltd**

**Vs**

**Incoming Travel Bureau Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmin mija sebgha u tmenin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1887.85) rapprezentanti prezz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra relatati moghtija lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, kif jidher mill-fattura annessa mal-avviz u mmarkata Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fi-28 ta' April 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1887.85,0 bl-imghax legali mill-21 ta' Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM--------------------------------